MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2012

Numru 1316/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Roderick Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Roderick Zammit ta’ 31 sena, iben Anthony u Rita xebba Theuma, mwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Settembru 1981, residenti gewwa l-fond numru 51, Triq Sant’ Elena, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 509381(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-11 ta' Dicembru 2012, ghall-habta tas-sebgha w kwart ta' fil-ghaxija (19:15hrs), f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq Nazju Ellul, Gzira, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti li l-valur komplessiv ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centenzmu (232.94), liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u kif ukoll bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Raymond Sant u/jew ta' persuni ohra;

Nhar il-11 ta' Dicembru 2012, ghall-habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija (19:00 hrs), f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq Maria Teresa Spinelli, Gzira, ikkommetta serq ta' sett pjanci tar-registrazzjoni minn fuq vettura tat-tip VolksWagon Polo ta' lewn ahdar bin-numru tar-registrazzjoni CBE 742, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u kif ukoll bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Brian Saliba u/jew ta' persuni ohra;

Matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2012, f'dawn il-Gzejjer, u cioe' minn gewwa l-fond numru 40, Orthopaedic Sleep System, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' cash register li kienet kontenenti flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u kif ukoll bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Tommaso Montalto u/jew ta' persuni ohra;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Dicembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll il-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 271, 278, 280, 281 u 269 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’(4) snin millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tordna li l-imputat jitpogga taht Ordni ta’ Supervizjoni ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Marilyn Attard u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------